**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 25/2025 SG**

**Akhil Shaji u Anjaly Suresh f'isimhom proprju u għan-nom ta' wliedhom minuri Nakshathra Akhil u Nithara Shaji**

**versus**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Illum, 27 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat ta' Akhil Shaji u Anjaly Suresh f'isimhom proprju u għan-nom ta' wliedhom minuri Nakshathra Akhil u Nithara Shaji li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

*Illi l-atturi Akhil Shaji u Anjaly Suresh iżżewġu nhar it-8 ta' April 2021 ġewwa Kadappattoor Sree Mahadeva Temple, Kadappattoor, Meenachil Village, Meenachil Taluk, Kottayam District, India u kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***Dokument A****;*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal u ċjoe' Nakshathra Akhil nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) u dan kif jirriżulta mill-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***Dokument B*** *u Nithara Shaji nhar id-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) u dan*

*kif jirriżulta mill-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***Dokument C****;*

*Illi jirriżulta skont it-tradizzjoni Indjana illi l-kunjom tal-minuri ikun l-isem tal-missier.*

*Illi l-isem u kunjom ta' Nakshathra Akhil huma korretti iżda fil-kollonna intitolata 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur" tal-missier ġew imniżżla l-ismijiet 'Shaji Akhil (Arpookara, Kerala, India)' u dana minflok l-ismijiet 'Akhil Shaji (Arpookara, Kerala, India); Il-missier jismu Akhil u kunjomu Shaji;*

*Illi l-isem u kunjom ta' Nithara Shaji huma inkorretti stante illi l-isem huwa korrett, dak Nithara, iżda kunjomha ma huwix Shaji iżda għandu jkun Akhil. Id-dettalji tal-ġenituri huma tajbin.*

*Illi Nakshathra Akhil diġa' għandha passaport Indjan u kopja tiegħu huwa hawn anness u mmarkat bħala* ***Dokument D****.*

*Illi dawn l-iżbalji jistgħu jwaslu għal identita' doppja tal-minuri.*

*Għaldaqstant, l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Nakshathra Akhil li jġib in-numru ta' iskrizzjoni mitejn wieħed u sebgħin tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (271/2022) billi fil-kollonna intitolata 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur" tal-missier flok l-ismijiet 'Shaji Akhil (Arpookara, Kerala, India)' jitniżlu l-ismijiet 'Akhil Shaji (Arpookara, Kerala, India);*

2. *Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Nithara Shaji li jġib in-numru ta' iskrizzjoni sitta u għoxrin tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (26/2025) billi taħt il-kolonna isem u kunjom il-wild jiġu sostitwiti ismijiet Nithara Shaji għal Nithara Akhil.*

3. *Tordna l-istess korrezzjoni għandha ssiru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana ai termini tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni ilil għaliha minn issa int nġunt.*

**Rat** ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex ppreżentata fid-9 ta' April 2025 fejn ġie eċċepiet:

1. *Illi in limine litis huwa mehtieg li b' ordni tal-Qorti ta' lanqas hmistax-il ġurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern a tenur tal-artikolu 254 tal-kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-esponenti mhux qieghed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi minghajr preġudizzju ghall-premess, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuża;*

4. *Illi l-esponenti m' ghandux ibati l-ispejjez ta' l-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhiex attriwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' aġir da parti tieghu;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-Ispejjez.*

**Rat** id-dokumenti kollha ppreżentati;

**Semgħet** il-provi;

**Rat** l-atti kollha;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Ma ġiex kontestat li l-atturi Akhil Shaji u Anjaly Suresh iżżewġu nhar it-8 ta' April 2021 ġewwa Kadappattoor Sree Mahadeva Temple, Kadappattoor, Meenachil Village, Meenachil Taluk, Kottayam District, l-Indja, u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, u ċjoè Nakshathra Akhil nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), u Nithara Shaji nhar id-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025). Skont ma xehdu r-rikorrenti fl-affidavit tagħhom kif ukoll fir-rikors ġuramentat, skont it-tradizzjoni Indjana illi l-kunjom tal-minuri jkun l-isem tal-missier. Irriżulta iżda li sar żball fir-rigward ta' Nakshathra Akhil fis-sens li fil-kolonna intitolata 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' tal-missier ġew imniżżla l-ismijiet 'Shaji Akhil (Arpookara, Kerala, India)' u dana minflok l-ismijiet 'Akhil Shaji (Arpookara, Kerala, India)'. Infatti, irriżulta li l-missier tal-minuri jismu Akhil u kunjomu Shaji. Irriżulta wkoll li l-isem u kunjom ta' Nithara Shaji huma inkorretti

stante illi l-isem huwa korrett, dak Nithara, iżda kunjomha ma huwiex Shaji, iżda għandu jkun Akhil.

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa. Mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jirriżultax li t-talba tar-rikorrenti ġiet vantata kapriċċożament.

Finalment, u in parentesi, għandu jiġi sottolinjat li mill-atti proċesswali jirriżulta li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta saret, u għalhekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' eċċezzjonijiet imressqa f'dan ir-rigward.

## DECIDE

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet tal-intimata safejn inkompatibbli ma' din is-sentenza fis-sens li

i. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Nakshathra Akhil li jġib in-numru ta' iskrizzjoni mitejn wieħed u sebgħin tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (271/2022) billi fil-kolonna intitolata 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' tal-missier flok l-ismijiet 'Shaji Akhil (Arpookara, Kerala, India)' jitniżlu l-ismijiet 'Akhil Shaji (Arpookara, Kerala, India)';

ii. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Nithara Shaji li jġib in-numru ta' iskrizzjoni sitta u għoxrin tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (26/2025) billi taħt il-kolonna isem u kunjom il-wild jiġu sostitwiti ismijiet Nithara Shaji għal Nithara Akhil;

iii. Tordna l-istess korrezzjoni għandhom isiru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana ai termini tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti ai termini tal-istess Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**